# SISL

## MESSAĠĠI POLITIĊI

## SOSTENN TAT-TMEXXIJA TA' SKOLA INKLUŻIVA

**Il-mexxejja tal-iskola jilgħabu rwol ewlieni fil-ksib ta' sistemi ta' edukazzjoni aktar inklużiva u jinfluwenzaw ħafna r-riżultati tal-istudenti.**

F'dawn l-aħħar snin dawn il-fatturi wasslu għal fokus ikbar fuq is-suġġett tat-tmexxija tal-iskola. Hekk kif il-profil tat-tmexxija tal-iskola u l-kumplessità tal-kompiti marbuta żdiedu, l-istess ir-rikonoxximent tal-ħtieġa għal sostenn.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) żviluppat proġett biex tinforma diskussjonijiet usa' dwar it-tmexxija tal-iskola fost il-gruppi ta' stakeholders fil-politika u l-prattika. Il-proġett Sostenn tat-Tmexxija ta' Skola Inklużiva (SISL) investiga l-mod kif tiġi żviluppata u promossa b'mod iktar effettiv it-tmexxija fil-livell ta' skola inklużiva permezz ta' oqfsa ta' politika u mekkaniżmi ta' sostenn fil-livell nazzjonali u lokali.

L-outputs tal-SISL li ġejjin huma disponibbli:

- **Analiżi tad-dokumenti u l-gwida ta' politika internazzjonali u Ewropej**.
- **Analiżi tal-letteratura internazzjonali u Ewropea** (wara l-2012) biex jintlaħaq ftehim fuq definizzjonijiet operazzjonali ta' termini ewlenin u għall-identifikazzjoni ta' kunċetti ewlenin li jsostnu l-politika u l-prattika għat-tmexxija ta' skola inklużiva.
- **Stħarriġ tal-Pajjiżi** għall-analiżi tal-livell sa fejn il-politiki tal-pajjiżi differenti jsostnu l-prattika ta' tmexxija ta' skola inklużiva.
- **Qafas ta' Politika** maħsub biex isostni l-iżvilupp u l-analiżi tal-politika għal tmexxija ta' skola inklużiva.
- **Għodda ta' Awtoriflessjoni** bbażata fuq il-Qafas ta' Politika, biex tiggwida diskussjonijiet konġunti tal-istakeholders. Din tinkludi gwida għall-implimentazzjoni u l-adattament tal-għodda għall-kuntesti tal-pajjiżi eżistenti.

Dan is-sommarju tal-messaġġi politiċi ewlenin jippreżenta ħarsa ġenerali lejn is-sejbiet prinċipali minn dawn l-outputs tal-proġett.

## PREMESSI GĦAL TMEXXIJA TA' SKOLA INKLUŻIVA

L-edukazzjoni inklużiva hija mifhuma fl-iktar sens wiesa' tagħha possibbli. L-għan tagħha huwa li tiffaċilita l-parteċipazzjoni, tgħolli l-livell ta' kisba, issostni l-benesseri u toħloq sens ta' appartenenza għall-istudenti **kollha**, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli għall-esklużjoni. Dan huwa allinjat mal-Pożizzjoni tal-Aġenzija dwar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva.

**It-tmexxija tal-iskola tista' titwettaq minn mexxej wieħed jew, sabiex tkun aktar effettiva, minn tim ta' tmexxija kollaborattiva jew distribwita fost diversi atturi ewlenin fi skola jew marbuta magħha.**

It-tmexxija hija meqjusa bħala funzjoni organizzattiva li hija kondiviża jew mifruxa fost diversi persuni. Fehma legali tat-tmexxija tista' tassumi li jkun hemm mexxej wieħed. Madankollu, approċċ ibbażat fuq ir-riċerka jippresupponi li t-tmexxija hija fenomenu kollettiv.

Hemm distinzjoni bejn **tmexxija tal-iskola** inġenerali u **tmexxija ta' skola inklużiva**.

"**Mexxej tal-iskola**" jirreferi għal dawk kollha fi rwoli ta' tmexxija ewlenin fl-iskejjel u l-komunitajiet tat-tagħlim. "**Mexxej ta' skola inklużiva**" jista' jirreferi kemm għal dawk f'pożizzjonijiet ta' tmexxija formali kif ukoll dawk fl-iskejjel li juru sens ta' tmexxija fil-prattika tagħhom.

**It-tmexxija ta' skola inklużiva hija ddedikata speċifikament biex tindirizza l-inekwità sabiex tibni komunità u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-istudenti kollha.**

Fl-istess mod, it-tmexxija ta' skola inklużiva hija mifhuma fis-sens l-aktar wiesa' tagħha u tmur lil hinn mis-sempliċi organizzazzjoni. Din tiffoka fuq l-iżvilupp ta' kultura inklużiva fejn l-istakeholders kollha jingħataw sostenn biex jaħdmu flimkien, japprezzaw id-diversità u jiżguraw li l-istudenti **kollha**, inklużi dawk l-aktar vulnerabbli għall-esklużjoni, jirċievu edukazzjoni ta' kwalità għolja.

**Kull mexxej tal-iskola għandu jkollu l-għan li jkun mexxej ta' skola inklużiva u jipprattika tmexxija tal-iskola li tippromwovi l-inklużjoni, anke jekk it-tmexxija tal-iskola sseħħ f'kuntesti ta' skola differenti li qed jiżviluppaw kulturi u prattiki inklużivi f'modi differenti.**

## KIF NIFHMU T-TMEXXIJA TA' SKOLA INKLUŻIVA

Mudelli ta' tmexxija u mezzi ta' sostenn tal-politika differenti huma rilevanti għat-tmexxija ta' skola inklużiva. Dawn jinkludu l-funzjonijiet ewlenin u r-rwoli u r-responsabilitajiet tat-tmexxija ta' skola inklużiva, kif ukoll mezzi ta' sostenn tal-politika ewlenin li jsostnu l-mexxejja tal-iskola sabiex jissodisfawhom.

### Funzjonijiet ewlenin tat-tmexxija ta' skola inklużiva

Il-mexxejja tal-iskola għandhom jitħallew jiżviluppaw medda aktar wiesgħa ta' kompetenzi meħtieġa fl-iskejjel varjati tal-lum. Dawn ma jistgħux jibqgħu jaħdmu waħedhom u għandhom jinvolvu lill-oħrajn billi jaqsmu u jiddistribwixxu l-kompiti ta' tmexxija u jaħdmu ma' firxa ta' sħab fil-komunità u lil hinn. Ir-rwol potenzjali tagħhom bħala maniġers tal-bidla fir-riforma tas-sistema aktar wiesgħa għandu jiġi rikonoxxut b'mod ċar.

Ir-riċerka identifikat tliet funzjonijiet ewlenin tat-tmexxija li jridu jitwettqu sabiex l-iskejjel inklużivi joperaw b'mod aktar effettiv. Dawn huma l-formular tad-direzzjoni, l-iżvilupp organizzattiv u l-iżvilupp tal-bniedem.

- **Il-formular tad-direzzjoni:** It-tmexxija hija importanti biex tagħti direzzjoni strateġika, b'fokus fuq il-valuri li jenfasizzaw il-prattika inklużiva u fuq id-diskors li jsostni l-prattika inklużiva.

- **L-iżvilupp organizzattiv:** Il-mexxejja u t-tims tat-tmexxija huma responsabbli biex iżommu kultura tal-iskola li hija kolleġjali, interattiva u ffukata fuq is-sostenn tal-għalliema u tal-istudenti matul il-proċess edukattiv. Is-sodisfazzjon ta' dawn il-funzjonijiet jippermetti lill-mexxejja tal-iskola joħolqu kultura tal-iskola inklużiva b'fokus fuq l-ambjent tat-tagħlim, fejn kull student huwa parteċipant siewi mistenni li se jikseb permezz ta' edukazzjoni ta' kwalità.

- **L-iżvilupp tal-bniedem:** It-tmexxija hija wieħed mill-muturi ewlenin tal-kwalità tal-istruzzjoni, li hija l-aktar influwenza importanti fil-livell tal-iskola fuq il-kisba tal-istudent. Is-sostenn, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-prattika tal-istruzzjoni huma fiċ-ċentru ta' dan ir-rwol strateġiku.

Is-sodisfazzjon ta' dawn il-funzjonijiet jgħin il-mexxejja jiżviluppaw ambjent ta' tagħlim aktar inklużiv. Minbarra s-sodisfazzjon ta' dawn il-funzjonijiet, **it-tmexxija ta' skola inklużiva** trid tindirizza l-inekwità sabiex tibni komunità u l-parteċipazzjoni sħiħa tal-istudenti kollha. Għalhekk, il-**mexxejja ta' skola inklużiva** għandhom il-**viżjoni** li "l-istudenti kollha ta' kwalunkwe età" għandhom jingħataw "edukazzjoni ta' kwalità għolja u sinifikanti fil-komunità lokali tagħhom, flimkien ma' sħabhom u ħbiebhom".[1]

**Ir-rwoli u r-responsabilitajiet tat-tmexxija ta' skola inklużiva fis-sistemi tal-edukazzjoni**

Il-mexxejja ta' skola inklużiva jridu jissodisfaw ċerti rwoli u responsabilitajiet sabiex iwettqu l-funzjonijiet ewlenin imsemmija hawn fuq. Dawn huma responsabbli wkoll għat-trasformazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni fi prattika ta' edukazzjoni inklużiva mtejba, it-tfassil tal-politiki li huma rilevanti għall-ambjent tal-iskola u għall-istakeholders.

Sabiex jagħmlu hekk, dawn iridu jissodisfaw ir-rwoli u r-responsabilitajiet tagħhom fil-livelli tal-istudent individwali, l-iskola, il-komunità u nazzjonali/reġjonali fi ħdan is-sistema tal-edukazzjoni.

## IL-LIVELL INDIVIDWALI



- Jinfluwenzaw il-prattika ċċentrata fuq l-istudent/jisimgħu lill-istudenti, personalizzazzjoni (ċentru)
- Jiżguraw li l-għalliema jieħdu responsabbiltà għall-istudenti kollha
- Isostnu pedagoġija/prattika fil-klassijiet li hija bbażata fuq l-evidenza, innovattiva u flessibbli
- Jimmonitorjaw il-prattika fil-klassi, u jiżguraw edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd
- Jiżviluppaw kultura ta' kollaborazzjoni – ta' relazzjonijiet pożittivi u ta' fiduċja
- Jużaw id-*data* bħala bażi għar-riflessjoni tal-għalliem u t-titjib kontinwu

## IL-LIVELL TAL-ISKOLA




- Jiggwidaw u jinfluwenzaw l-organizzazzjoni u r-riżorsi tal-iskola skont il-prinċipji ta' ekwità
- Jingaġġaw il-komunità tat-tagħlim f'awtoevalwazzjoni u jirriflettu fuq id-data biex jinfurmaw it-titjib kontinwu fl-iskola
- Jipprovdu opportunitajiet ta' żvilupp professjonali
- Jiżguraw kontinwazzjoni ta' appoġġ għall-istakeholders kollha
- Jikkommettu għall-etika ta' kulħadd
- Jiżguraw kurrikulu u assessjar li huma xierqa għall-għan u li jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti kollha
- Jingaġġaw attivament mal-familji kollha

[1] L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2015. *Il-Pożizzjoni tal-Aġenzija dwar Sistemi ta' Edukazzjoni Inklużiva*. Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/agency-position-inclusive-education-systems-flyer**, p. 1

## IL-LIVELL TAL-KOMUNITÀ



- Jibnu sħubijiet ma' aġenziji ta' sostenn, skejjel/istituzzjonijiet oħra fil-livelli ta' sistema oħrajn, u man-negozji fil-komunità
- Jibnu l-kapaċità tal-iskola għad-diversità permezz ta' ingaġġ fir-riċerka u attivitajiet kollaborattivi ta' żvilupp professjonali, eż. mal-universitajiet
- Jimmaniġġjaw ir-riżorsi umani, jiżguraw impenn għall-viżjoni kondiviża tal-inklużjoni
- Jimmaniġġjaw ir-riżorsi finanzjarji biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-komunità tal-iskola sħiħa

## IL-LIVELL NAZZJONALI/REĠJONALI




- Jinfluwenzaw l-iżvilupp tal-politika nazzjonali dwar l-ekwità u l-edukazzjoni inklużiva permezz ta' konsultazzjoni u komunikazzjoni
- Jittraduċu u jimplimentaw politiki f'modi xierqa għall-kuntest u l-valuri tal-iskola tagħhom u jimmaniġġjaw il-bidla fil-livell tal-iskola fir-rigward tal-kurrikulu u l-oqfsa ta' assessjar, l-iżvilupp professjonali, il-finanzjament u l-allokazzjoni ta' riżorsi, u l-analiżi tal-kwalità u l-akkontabilità

**Figura 1. Ir-rwoli u r-responsabilitajiet tat-tmexxija tal-iskola fil-livelli differenti fl-edukazzjoni**

Ir-rwoli u r-responsabilitajiet għat-tmexxija ta' skola inklużiva mhumiex indipendenti mill-politiki li jaffettwawha. **Miżuri politiċi ta' sostenn** għandhom jippermettu l-mexxejja tal-iskola individwali jew it-tims tat-tmexxija jaħdmu lejn il-viżjoni tagħhom.

### Mezzi ta' sostenn tal-politika ewlenin li jsostnu t-tmexxija ta' skola inklużiva

**Miżuri politiċi li jsostnu t-tmexxija ta' skola inklużiva jeżistu fi ħdan qafas regolatorju li jiddefinixxi b'mod universali l-edukazzjoni inklużiva u jiddetermina liema riżorsi huma disponibbli, liema deċiżjonijiet jistgħu jittieħdu u dak li l-mexxejja huma responsabbli għalih.**

Jeżistu oqfsa ġenerali għat-tmexxija tal-iskola u l-mexxejja tal-iskola, iżda dawn għandhom nieqes l-aktar id-dimensjoni ta' tmexxija ta' skola **inklużiva**.

Sabiex isostnu l-mexxejja ta' skola inklużiva biex dawn jissodisfaw ir-rwoli u l-funzjonijiet ewlenin imsemmija hawn fuq, il-politiki għat-tmexxija tal-iskola għandhom jipprovdu tliet mezzi ta' sostenn tal-politika ewlenin: l-aċċess, l-awtonomija u l-akkontabilità. Dawn jinfluwenzaw il-mod kif il-mexxejja tal-iskola huma megħjuna biex iwettqu r-rwoli tagħhom u jissodisfaw ir-responsabilitajiet tagħhom. Dawn jistgħu jiddeterminaw l-effettività tal-mexxej tal-iskola fil-ħolqien u tmexxija ta' skola inklużiva.

Speċifikament, il-mexxejja tal-iskola jeħtieġu **aċċess** għal:

- sostenn, kemm minn opportunitajiet ta' żvilupp formali kif ukoll minn kollaborazzjoni ikbar ma' kollegi u stakeholders oħra fil-livelli kollha tas-sistema;
- riżorsi għall-iżvilupp tal-kapaċità tal-forza tax xogħol permezz ta' taħriġ, xogħol fi grupp u skambju ta' għarfien.

Il-mexxejja tal-iskola jeħtieġu **awtonomija** biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati mill-evidenza dwar id-direzzjoni strateġika, l-iżvilupp u l-organizzazzjoni tal-iskola. Dawn jistgħu jinkludu deċiżjonijiet dwar:

- l-adattament tal-kurrikulu, l-oqfsa ta' assessjar u akkreditazzjoni biex jiżguraw li jistabbilixxu aspettazzjonijiet għoljin u jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-istudenti u tal-komunità lokali;
- l-impjieg u l-iżvilupp tal-għalliema u l-istaff;
- ħidma proattiva ma' aġenziji oħra u l-komunità lokali;
- il-finanzjament u l-allokazzjoni ekwitabbli tar-riżorsi.

Rigward l-**akkontabilità**, il-mexxejja tal-iskola għandhom:

- ikunu kapaċi jistabbilixxu l-viżjoni, il-valuri u l-eżiti li huma (u stakeholders oħra) jixtiequ jkunu responsabbli għalihom (eż. l-ekwità, in-nondiskriminazzjoni u s-sodisfazzjoni tal-ħtiġijiet personali, soċjali u akkademiċi tal-istudenti kollha);
- ikunu responsabbli (lejn l-istudenti, il-familji, il-komunità lokali) permezz ta' mekkaniżmi li huma allinjati ma' oqsma ta' politika oħrajn, filwaqt li jiżguraw sostenn għall-politika u l-prattika tal-edukazzjoni inklużiva;
- iwettqu rwol ewlieni fil-monitoraġġ, l-awtoevalwazzjoni u l-evalwazzjoni, flimkien mal-istakeholders ewlenin, biex jipprovdu informazzjoni dwar ir-riżultati tal-istudenti u jirriflettu fuq id-data sabiex jinfurmaw fuq it-titjib li jkun għaddej.

L-analiżi tal-letteratura u l-politika Ewropea u internazzjonali żvelat li l-fokus tal-miżuri ta' akkontabilità mhux dejjem huma konformi mal-livell ta' aċċess għal riżorsi, sostenn u żvilupp professjonali u l-livell ta' awtonomija li l-mexxejja tal-iskola għandhom meta jwettqu l-funzjonijiet ewlenin tagħhom ta' formular tad-direzzjoni, żvilupp organizzattiv u żvilupp tal-bniedem.

## L-IŻVILUPP U S-SOSTENN TA' APPROĊĊ INKLUŻIVI

Is-sejba tal-bilanċ bejn dawk l-**istandards** li l-mexxejja tal-iskola jinżammu responsabbli għalihom u s-**sostenn politiku** offrut biex dawn jinkisbu kien l-interess ewlieni meta kienu qed jiġu żviluppati l-Qafas ta' Politika u b'mod speċjali l-Għodda ta' Awtoriflessjoni.

**Huwa essenzjali li l-politiki jsostnu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' tmexxija ta' skola effettiva u inklużiva li tista' ttejjeb l-ekwità, l-ugwaljanza u l-benesseri fl-edukazzjoni. Sabiex jinkiseb dan, huwa meħtieġ li jiġu identifikati l-lakuni bejn l-istandards li l-mexxejja tal-iskola jinżammu responsabbli għalihom u l-miżuri politiċi ta' sostenn disponibbli għalihom.**

### L-iżvilupp ta' oqfsa ta' politika li jsostnu t-tmexxija ta' skola inklużiva

Il-Qafas ta' Politika jgħin il-pajjiżi jsostnu t-tmexxija tal-iskola biex taħdem sabiex tiffaċilita l-parteċipazzjoni sħiħa tal-istudenti kollha, filwaqt li tgħolli l-livell ta' kisba tagħhom u ssostni l-benesseri u s-sens ta' appartenenza tagħhom. Dan huwa konformi mal-isforzi tal-Aġenzija u tal-pajjiżi membri tagħha biex jippromwovu l-inklużjoni fuq terminu twil fis-soċjetà kollha.

Il-Qafas ta' Politika jista' jintuża fil-kollaborazzjoni, l-iskambju jew it-teħid ta' deċiżjonijiet. L-għan jista' jkun li jiggwida sett ta' politiki aktar dettaljati, manutenzjoni jew monitoraġġ kontinwu, jew li jiġu żviluppati aktar il-politiki eżistenti sabiex jinkiseb l-għan usa' tal-edukazzjoni inklużiva.

Il-Qafas ta' Politika jista':

- **Jikkontribwixxi u joffri bażi għall-iżvilupp ta' politiki ġodda:** Joffri pjan direzzjonali tal-elementi ewlenin li għandhom jiġu inklużi fil-politika ffukata fuq is-sostenn tat-tmexxija ta' skola inklużiva jew biex jindirizzaw ir-rwol tat-tmexxija tal-iskola f'oqfsa ta' politika tal-edukazzjoni inklużiva usa'.

- **Isostni l-analiżi u l-iżvilupp ulterjuri ta' politiki u oqfsa ta' politika eżistenti:** Il-Qafas ta' Politika jirrikonoxxi li s-sostenn għal tmexxija ta' skola inklużiva jista' jeżisti bħala politika individwali jew jista' jkun transsettorjali f'politiki differenti u f'livelli ta' politika differenti. Fejn teżisti politika għal tmexxija ta' skola inklużiva jew tmexxija tal-iskola inġenerali, il-Qafas ta' Politika jista' jgħin:

  - fl-analiżi u t-titjib tal-politika eżistenti li ssostni t-tmexxija ta' skola inklużiva;
  - fl-iżvilupp tal-politika tat-tmexxija tal-iskola ġenerali eżistenti biex jiġi żgurat approċċ inklużiv.

- **Jinstiga l-awtoriflessjoni (b'mod speċjali dwar il-kunċett tat-tmexxija ta' skola inklużiva, ir-rwoli tal-mexxejja tal-iskola fl-edukazzjoni inklużiva, u t-taħriġ fit-tmexxija):** Independentement mill-iżvilupp jew l-analiżi ta' politiki, l-elementi ewlenin tal-Qafas ta' Politika joffru qafas għal diskussjoni u awtoriflessjoni dwar il-prattika tat-tmexxija ta' skola inklużiva u r-rwoli tal-mexxejja tal-iskola.

Il-Qafas ta' Politika jinkludi:

- **Mandat ta' politika** li jikkuntestwalizza l-politika billi jiffoka fuq u jaffettwa t-tmexxija tal-iskola. Il-mandat jirreferi għal diversi dokumenti prinċipali ta' gwida fil-livell internazzjonali u Ewropew. Dan jista' jiġi estiż b'politiki u leġiżlazzjoni li jipprovdu l-kuntest, l-istorja u l-mogħdija ta' żvilupp uniċi tal-pajjiż.

- **Viżjoni politika** li tiddeskrivi l-ideal li l-politika għandha l-għan li tikseb.

- **Prinċipji ta' gwida** li jappoġġjaw strateġija jew oqfsa għas-sostenn tat-tmexxija ta' skola inklużiva. Il-politika li ssostni t-tmexxija ta' skola inklużiva tista' ma tkunx dokument separat iżda minsuġa f'ħafna oħrajn. F'diversi kuntesti tal-pajjiżi, l-għanijiet, l-objettivi u l-istrateġiji huma inkorporati f'politiki u azzjonijiet edukattivi oħra.

- **Għan ta' politika** li jipprovdi mira li trid tintlaħaq permezz ta' ħidma fi ħdan is-sistema ta' edukazzjoni inklużiva.

- **Objettivi ta' politika** li għandhom jinkisbu b'mod speċifiku.

- **Qafas ta' standards**, li huma stqarrijiet ta' aspirazzjonijiet li t-tmexxija tal-iskola għandha tikseb.

- **Miżuri politiċi** li jsostnu l-kisba ta' dawn l-istandards.

**Il-viżjoni ta' qafas ta' politika li jsostni tmexxija ta' skola inklużiva hija li l-politika eżistenti u li qed tiġi żviluppata ssostni t-tmexxija tal-iskola biex tibni kultura u timplimenta prattika li fiha l-istudenti kollha huma pprovduti b'edukazzjoni ta' kwalità għolja siewja, aspettazzjonijiet għoljin għall-kisba, il-benesseri u s-sens ta' appartenenza tagħhom fi ħdan ambjent ta' skola ekwitabbli.**

Il-Qafas ta' Politika jirrispetta d-differenzi bejn il-pajjiżi. Dan huwa għodda b'sors miftuħ, li kull pajjiż huwa liberu li jadatta għall-kuntest rispettiv tiegħu.

**Is-sostenn tal-awtoriflessjoni u djalogu struttura biex jingħelbu l-lakuni bejn il-politika u l-prattika**

Il-prattika tat-tmexxija ta' skola inklużiva mhijiex indipendenti mill-politiki li jaffettwawha. Il-Qafas ta' Politika għalhekk jippreżenta fid-dettall l-i**standards** proposti meħtieġa biex it-tmexxija tal-iskola tkun inklużiva u l-**miżuri politiċi** ta' sostenn meħtieġa biex jinkisbu dawn l-istandards.

Sabiex tingħeleb il-lakuna bejn l-aspettazzjonijiet politiċi fuq il-mexxejja tal-iskola u l-ħtieġa tal-mexxejja għal sostenn, l-Għodda ta' Awtoriflessjoni tibni fuq l-istandards u l-miżuri politiċi tal-Qafas ta' Politika. Permezz ta' riflessjoni gwidata u ffukata, din tistimula djalogu professjonali u żvilupp ta' politika kollaborattiva fl-iskejjel u bejniethom u f'livelli ta' politika differenti.

L-Għodda ta' Awtoriflessjoni hija għal:

- mexxejja tal-iskola u tims tat-tmexxija li qegħdin ifittxu gwida fl-adozzjoni u l-iżvilupp ta' prattiki ta' tmexxija inklużiva;
- dawk li jfasslu l-politika li huwa responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki għall-edukazzjoni inklużiva fil-livelli nazzjonali, reġjonali u/jew lokali.

Din tista' tintuża fil-livelli kollha ta' politika, mill-governanza nazzjonali għal dik lokali.

L-għodda tgħin lill-mexxejja tal-iskola u lit-tims tat-tmexxija – u dawk li jfasslu l-politika – jevalwaw fejn jinsabu fit-triq tagħhom lejn tmexxija ta' skola inklużiva. Din toffri tliet għażliet għal awtoriflessjoni:

1. **Riflessjoni għall-mexxejja tal-iskola** dwar kif jiżviluppaw prattika inklużiva sabiex jiksbu edukazzjoni inklużiva. Din tista' tiffoka fuq ċertu rwol jew aspett fil-funzjoni tat-tmexxija li hija l-qafas tal-għodda.
2. **Riflessjoni għal dawk li jfasslu l-politika** dwar il-miżuri politiċi meħtieġa biex isostnu lill-mexxejja ta' skola inklużiva fil-prattika tagħhom.
3. **Riflessjoni konġunta u djalogu tal-mexxejja tal-iskola u dawk li jfasslu l-politika** dwar kwistjonijiet ewlenin f'kull qasam li jeħtieġ li jiġi indirizzat.

Mistoqsijiet ta' gwida jmexxu lill-istakeholders fir-riflessjonijiet kemm fil-livell prattiku kif ukoll politiku biex iwieġbu dan li ġej:

- Fejn ninsabu fil-preżent?

- Liema huma l-punti pożittivi, l-isfidi u l-opportunitajiet ewlenin tagħna biex inkomplu niżviluppaw?
- Liema huma l-oqsma prijoritarji tagħna li rridu nindirizzaw?

**B'mod konġunt**, il-mexxejja tal-iskola u dawk li jfasslu l-politika fi gruppi ta' fokus jistgħu jużaw il-mistoqsijiet ta' gwida biex jiddiskutu x'azzjonijiet għandhom jittieħdu wara li jiġu identifikati l-prijoritajiet.

L-Għodda ta' Awtoriflessjoni tirrikonoxxi l-kuntesti varjati ta' politika u prattika fil-pajjiżi u l-limitazzjonijiet taż-żmien fuq l-esperti fil-qasam tal-edukazzjoni. Għalhekk, din tista' tiġi adattata. Billi d-djalogu konġunt huwa l-għan, idealment, għandhom jintużaw it-tliet għażliet kollha għall-Awtoriflessjoni. Madankollu, l-ewwel żewġ għażliet jistgħu jintużaw indipendentement jew, b'fokus fuq waħda mill-funzjonijiet ewlenin, bħala bażi għal djalogu konġunt fil-livelli b'ħidma ma' stakeholders speċifiċi. Id-dokument jinkludi gwida dwar l-użu u l-adattament tal-għodda għal kuntesti ta' pajjiżi differenti.

**Permezz ta' riflessjoni gwidata u djalogu strutturat dwar l-eżistenza u l-effiċjenza ta' miżuri politiċi li għandhom l-għan li jsostnu t-tmexxija tal-iskola, dawk li jfasslu l-politika jistgħu jiksbu għarfien dwar l-oqsma li jeħtieġ li jiġu indirizzati. Li wieħed ikun konxju tal-lakuni bejn il-politika u l-prattika jgħin biex jinstab bilanċ bejn dak li l-mexxejja tal-iskola huma responsabbli għalih bir-riżorsi li għandhom aċċess għalihom u l-awtonomija tagħhom għat-teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-iskejjel tagħhom.**

Il-valur miżjud huwa li d-djalogu strutturat iġib opportunitajiet ġodda għal skambju u kollaborazzjoni fost il-gruppi ta' stakeholders differenti fil-livelli kollha ta' politika.

## KUMMENTI FINALI

L-Aġenzija għandha l-għan li tkun aġent attiv għat-tibdil fil-politika. Il-ħidma tagħha kollha tiffoka fuq is-sostenn tal-isforzi tal-pajjiżi membri tagħha sabiex jiksbu l-viżjoni ta' sistemi ta' edukazzjoni inklużiva. Il-**Programm ta' Ħidma Pluriennali 2021-2027** jirrikonoxxi dan. Dan jgħid li l-Aġenzija għandha l-"għan li ssostni l-isforzi ta' dawk li jfasslu l-politika biex jittraduċu l-prijoritajiet ta' politika identifikati għal edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għolja għall-istudenti kollha f'azzjonijiet prattiċi għal implimentazzjoni".[2]

Element wieħed ta' dan huwa djalogu sostnut bejn il-politika u l-prattika. Fil-qasam tat-tmexxija tal-iskola, l-outputs tal-proġett tal-SISL għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu biex tingħeleb il-lakuna bejn l-aspettazzjonijiet tal-politika fuq il-mexxejja tal-iskola u l-ħtieġa għal sostenn tal-mexxejja tal-iskola.

L-outputs kollha huma materjali mingħajr ħlas jew b'sors miftuħ. Dawn ġew żviluppati permezz ta' approċċ parteċipatorju mill-pajjiżi, magħhom u għalihom. Dan jiżgura li dawn ikunu utilizzabbli, adattabbli u li jirrispettaw il-vjaġġi rispettivi tal-pajjiżi lejn sistemi ta' edukazzjoni aktar inklużiva.

Aktar informazzjoni u l-outputs kollha tal-proġett tal-SISL huma disponibbli fuq il-paġna web tal-SISL: **www.european-agency.org/projects/SISL**

[2] L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inkluživa, 2021. *Multi-Annual Work Programme 2021–2027* [Programm ta' Ħidma Pluriennali 2021-2027]. Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/resources/publications/multi-annual-work-programme-2021-2027**, p. 5

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

Biex issir taf aktar dwar l-Aġenzija u l-ħidma tagħha, żur: **www.european-agency.org**
**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2021**
Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.